# L-GHANA TA' L-URIEZAQ

Fuq siġra tat-tin, li kienet sewwa sew ma' ġenb iċ-ċella ta' San Franġisk t'Assisi f'Santa Marija ta' l-Anġli, kien hemm werżieq li f'kull ħin li jagħtih jaqbad jgħanni u jsemma' dak il-ħelu leħnu. Darba waħda, il-Qaddis, waqt li newwillu idejh, sejjaħlu u qallu: "Ħija, Werżieq, ejja 'l hawn, oqgħod fuq idejja". U l-Werżieq, bħallikieku għandu dehnu, donnu fehem x'qallu l-Qaddis u dlonk tar għal fuq idejh. San Franġisk beda jmellsu, iżiegħel bih u mbagħad, qallu: "Għanni, O ħija Werżieq, samma' leħnek ferrieħi u faħħar lill-Mulej, li ħalqek u li huwa sidek". U l-Werżieq dikment qabad jgħanni, u miegħu qabad ukoll jgħanni l-Qaddis, u faħħru 'l Alla flimkien. U kull meta l-Qaddis kien joħroġ minn ċelltu kien



*Il-Werżieq u San Franġisk.*

jistiednu għal fuq idejh, imellsu u jżiegħel bih, u jaqbad jgħanni; u hu, il-Qaddis, kien jgħanni miegħu u flimkien ifaħħru 'l Alla, ħallieq tal-ħlejjaq kollha; u mbagħad, kien jitilqu u l-Werżieq kien imur jittajjar għal riħu. Iżda fl-aħħarnett, wara tmint ijiem, il-Fqajjar t'Assisi qal lil uliedu l-patrijiet: "Jeħtieġ li nwarrbu għal dejjem lil dan ħuna l-Werżieq, li bit-tifħir tiegħu 'l Alla ferraħna u paxxiena biżżejjed; u li ma jmurx jiġrilna li nimtlew u nintefħu bil-vanaglorja". U l-Werżieq ġie mtajjar u telaq 'l hemm mingħajr ma deher iżjed f'dawk l-inħawi. Hekk jgħidil-

na dil-ġrajja Fra Tumas minn Ċelanu l-ewwel wieħed u l-aqwa fost il-bijografi ta' San Franġisk, missieru.

Li San Franġisk kien jitpaxxa bl-għana ta' l-Urieżaq mhux ta' min jistagħġeb u jaraha bi kbira: f'dak il-għana l-Qaddis kien iħoss tifħir 'l Alla, kif tassew hi kull ħaġa li jagħmlu l-ħlejjaq ta' bla dehen u li minnhom infushom għandhom jimxu fuq il-ġibda (istint) li tahom Alla, li ħalaqhom; u dan dejjem jagħmluh: biss il-bniedem, għalkemm imżejjen bid-dehen, xi minn daqqiet, għandu l-ħila jħarbat l-ordni tan-natura tiegħu, jagħmel bil-maqlub dak li għalih hu maħluq, u minflok ifaħħar lill-Mulej, imaqdru, iżebilħu u jriegħxu billi jħassarlu l-qies li qiegħed fil-ħolqien.

Dak iżda li jgħaġġibni hu, kif Fra Tummas minn Ċelanu seta' jgħid: "li dak il-Werżieq kien qed jgħanni bil-leħen tiegħu ĦELU". Ngħid għalija, leħen il-Werżieq narah mill-agħar fost it-tisfir u l-għana tat-tajr l-ieħor u dejjem smajthom jgħidu li leħen il-Werżieq hu ħoss li jdejjqek u jitliflek sabrek; anzi, leħen l-urieżeq huwa l-għelm ta' dawk li dejjem jgħidu, itaqtqu u jpaċpċu ħafna kliem fieragħ biex minn għalihom idaħħqu, imma minn flok ikunu jdejqu lil kull min jismagħhom. Mill-bqija m'għandix għax nistagħġeb: darba waħda, żmien ilu, jiena wkoll kont naf wieħed patri xwejjaħ li kien jogħġbu ħafna u kien jitpaxxa mhux ftit bil-għana tal-urieżaq! Kien jifhem u jgħid li l-werżieq huwa l-għelm tas-sajf u huwa hu li jsajjar il-ħarrub fis-siġar! Mur merieħ!

Żewġt isjuf ilu kont Għawdex, fejn imdorri mmur ta' kull sena biex ngħum żewġ għumiet f'xatt iż-Żewwieqa; kont ma' patri ieħor minn sħabi u ħabibi mill-aktar. Konna qegħdin taħt blata li tilqalna x-xemx u sewwa sew ħdejn siġra tat-tin fejn werżieq kien qed joħodli moħħi u jitlifli sabri bi twerżiqu. Il-patri sieħbi rani li miniex floki u fehem ukoll li l-għana bla hedu ta' dak il-werżieq kien qed jifxilni u jittirrinżali moħħi. U f'daqqa waħda dak il-patri sieħbi ċaqlaq ċaqliqa rasu u bi tbissima ħelwa qalli: Sieħbi l-għażiż, m'għandekx tifhem u tistenna li kulħadd għandu l-istess gosti jew l-istess ġibdiet, jew li huma tajbin biss dawk il-gosti u ġibdiet li jogħġbu lilna. Hi ħaġa ta' stmerrija li ngħidu tajjeb dak biss li jogħġob lilna, qisna li għandna xi don minn Alla li nifhmu f'kollox u li ma nistgħux niġu mqarqin. L-imġiba tajba u l-karità nisranija jridu li aħna nqimu wkoll il-gosti u l-ġibdiet ta' l-oħrajn, u din imbagħad hi ħaġa magħrufa: *"De gustibus non est disputandum"*, għax il-kriterju ġewwieni biex nistgħu nħaqquha fuq din il-ħaġa għadu mhux magħruf; u aktarx li dan il-kriterju ma jinsab qatt. Kun af, iżda, li xi għaliex ta' din id-differenza ta' ġibdiet jew gosti fil-bnedmin għandu jkun hemm żgur, għax kollox hu mogħti minn Alla, li kollox għamel b'għerf u b'qies. Jiena nifhem, li dawn il-ġibdiet jew gosti differenti fil-ħlejjaq, sew ġibdiet għall-flus, kemm għal sura ta' l-ikel, kif ukoll għall-ħwejjeġ oħra, huma ġejjin mill-bniedem innifsu u jaqblu man-natura ta' kull wieħed; u huma sehem minn dik il-ġibda ġewwenija (istint), li Alla qiegħed f'kull ħlejqa biex din tkun tista' tagħraf b'ħeffa, mingħajr ma titqarraq, liema ħwejjeġ jiswew ta' ġid jew deni għaliha. Ħares ftit: taf, jaqaw, tgħidli inti għaliex il-baqra jekk tqegħdilha kustilja moqlija biex tikolha titmeżmeż u titbiegħed minnha, waqt li inti għad-dehra u x-xam-

ma jinżillek lgħabek għaliha? Imma sieħbi, inti tgħidli, din hi n-natura tal-baqar: m'humiex maħluqin biex jieklu l-laħam!

Sewwa sew, li ssib ukoll għal qalbek l-għana tal-Werżieq, li tħoss ġibda għal kikkra kafè morr jew ħelu ħafna, dan ġej min-natura tal-bniedem. Mill-bqija dawn il-ġibdiet jew gosti biż-żmien jitbiddlu wkoll...... U tassew, meta kont għadni żgħir, ma kienx jogħġobni t-tuffieħ tadam, waqt li llum infittxu u ma ngħaddix mingħajru.

Anzi nistgħu ngħidu: hekk ma jaqblux il-ġibdiet u l-gosti fil-bnedmin, li ssib ġibdiet u gosti għal kollox bil-maqlub f'pajjiżi, fi ġnus u f'nazzjonijiet......! L-għana ta' l-urieżaq il-lum aktarx hu mistmerr u mmaqdar bħala għana ta' dwejjaq, imma ilu fil-Greċja ma kienx hekk; kien hekk miġjub, li ħafna kienu iżommu werżieq f'qafas sabiex jitpaxxew bl-għana tiegħu mingħajr ma joħorġu minn darhom: sewwa sew bħalma xi wħud illum iżommu l-grilli.

Ukoll jiena ta' tifel li kont kont nagħmel l-istess; kont inħobb nagħlaq xi werżieq f'qafas biex nitpaxxa bl-għana tiegħu. Imma allura kont tifel!

Kien gost ukoll dak! Anzi, ara ftit, sieħbi: Fost il-Griegi l-għana ta' l-urieżaq kien hekk stmat u miġjub, li dak id-Dudu l-Griegi kienu jżommuh bħala l-għelm tal-Mużika. U jekk kinux jifhmu fil-Mużka l-Griegi!?

Għalhekk, Habib, inħallu din il-kwistjoni. Biss intennilek: il-kriterju ġewwieni biex nistgħu niddeċiedu fuq il-gosti fil-bniedem, għadu moħbi. Bil-maqlub għall-Griegi, il-Latini u qisu l-ġnus kollha ċivili isibu ta' dwejjaq, għax wisq monotonu, l-għana ta' l-urieżaq; għalhekk "*De gustibus non est disputandum*!".

Għal fejn imma jiswew l-urieżaq?

L-urieżaq, jeqq ma jagħmlux ħaġa oħra barra minn dak li jġagħluna nitħarrġu f'sabarna, ikunu ġa għamlu biżżejjed meta jfaħħru lill-Mulej talli ħalaqhom. Hu ta' min jistmerru li f'kull ħaġa rridu nistaqsu 'l Alla għax għamel dik il-ħaġa u dik l-oħra u nfittxu dejjem li niġbdu kollox kif jaqbel lilna. Għalina biżżejjed hu li nafu li Alla għamel kollox sewwa, u li ma ħalaq xejn għal xejn. Kun af, iżda, li l-werżieq hu wieħed minn dawk id-dud li flimkien mal-ġid li jagħmlu, ma jagħmlu ebda deni u ebda ħsara; ħlief biss li jġagħlu jitilfu sabarhom lil xi wħud li jiena naf, li m'għandhom ebda sabar.

Il-Werżieq jgħix bli jarda ċertu sugu mis-siġar li fuqhom jgħix: bil-propoxxide li għandu, u li hi veru berrina fina fina, itaqqab il-qoxra tas-siġra u jarda dak il-ftit li biss jinħtieġlu biex jgħix, mingħajr ma jagħmel ebda ħsara lis-siġra. Anzi b'dik berrintu jiftaħ il-ħruġ għal ċerta sustanza ħelwa u purgattiva, li aktarx inti stess fi tfulitek kellek ħtiegħa: hi dik "il-manna" li, bħalma inti taf, toħroġ minn xi zkuk tal-fraxxnu, mniġġsa mill-berrina tal-Wrieżaq.

Nagħarfu għalhekk, nitgħallmu nqimu l-Provvidenza t'Alla wkoll f'dawk il-ħwejjeġ li ma nafux għalfejn Alla ħalaqhom. Sal-lum dan biss nafu li bih nistgħu u għandna nfaħħru lill-Werżieq, imma min jaf li ma għadx jasal iż-żmien li nsiru nafu ħafna ħwejjeġ oħra li jkunu ta' tifħir lill-Wrieżaq, bħalma ġara f'xi dud u fi ħwejjeġ oħra, li fihom missierijietna tal-qedem l-anqas biss qatt ma ħasbu?! Alla hu dejjem tal-għaġeb f'kollha kemm huma l-ħlejjaq!

P.N.M.